MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 409/2004

Kawza fil-lista: 74

***W Q***
**vs**
***T X*; Direttur tar-Registru Pubbliku;**
***T Q* nominata kuratrici ad litem tal-minuri *D* kjamat fil-kawza; u *J R* ukoll kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hi kienet izzewwget lill-konvenut *X*, izda dawn isseparaw de facto dak in-nhar stess taz-zwieg, tant li dawn la qatt ghexu flimkien u lanqas qatt kellhom x' jaqsmu flimkien; li l-attrici kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' *J R*; li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri *D* fis-7 ta' April 2004, u li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 1237/2004 gie registrat bhala l-wild tal-konvenut *X*;

ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara li l-konvenut *X* mhuwiex il-missier naturali tat-tifel *D* u li dan huwa wild ta' missier mhux maghruf; u [2] li din l-Qorti tordna d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid relattiv; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tinsab inserita fil-process a fols.18 u 19 tal-process, u li permezz taghha, in sustanza rrimetta ruhu ghall-provi, inkluz dawk xjentifici; kif ukoll sostna li hu m' ghandux ibati spejjez;

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat, u mahluf mill-awturi tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-missier naturali tat-tifel *D* li twieled fis-7 ta' April 2004 mhuwiex il-konvenut *X*; u qed titlob ukoll li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat.

Illi l-attrici ssostni li l-imsemmi tifel twieled minn relazzjoni li hi kellha ma' *J R*, u li dan hu l-missier naturali tat-tarbija. Tispjega li hi qatt ma kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha, stante li sseparaw de facto fil-jum taz-zwieg.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici kontenuti fir-rapport peritali, jissufragaw il-verzjoni tal-attrici stante li jikkonfermaw lil *J R* bhala l-missier naturali tat-tarbija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel *D* li twieled mill-attrici fis-7 ta' April 2004 mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut *T X*; u tordna l-korrezzjonijiiet debiti fl-att tat-twelid numru 1237/2004 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-kjamat fil-kawza *J R*, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------